# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 469/97

John Mary Camilleri

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Illum 13 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1993/1994/1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu li r-rikorrent kien applika madwar tlett darbiet ghal grad ta' surgent fis-snin msemmija hawn fuq kif ukoll darba li huwa resaq ghall-'interview' dejjem saqsewh mistoqsijiet li ma jaghmlux sens tant li fil-fatt f'interview minnhom huwa gie mostoqsi kif Melchior Spiteri harab mill-habs u li certament ir-

rikorrent ma kellu l-ebda risposta ghal din la darba huwa ma kellu konnessjoni.

Ir-rikorrent kellu madwar tnax-il sena esperjenza fil-pulizija u ghamel madwar sentejn fl-ufficju jikteb l-okkorrenzi u jiehu hsieb l-Insurance li fil-present qed jaghmel li stess xoghol konness mal-qorti;

Illi huwa kien bi hsiebu jgib dan l-ilment tieghu bix-xhieda indikati fir-rikors biex b'hekk jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata dak ir-rimedju billi jigi ordnat lilu li jiehu l-promozzjoni jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kumissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi dwar dak allega fir-rikors huwa jikkummenta s-segwenti:

Illi bejn 1993 u 1995 kien hemm sejha wahda ghall applikazzjonijiet minn membri tal-Korp sabiex ikunu jistghu

jpoggu ghall-ezami ghar-rank ta' surgent. Ic-cirkulari kienet harget fis-27 ta' Settembru 1994.

Illi dan l-ezami kien jikkonsisti fi tlett partijiet.

Illi r-rikorrent kien applika sabiex joqghod ghall dan l-ezami u gie maghzul. Huwa kien wehel fl-ewwel parti li kien jikkonsisti f'personal in-depth interview' fejn il-kandidat jigi ezamint fid-dettal u b'kuntatt personali ma' uhud mill-ezaminaturi biex jigu kostatati il-kwalitajiet personali tieghu bhal per ezempju kommunikattiva u komportament in generali. Ir-rikorrent ma lahaqx il-livell rikjest minnu sabiex ikun jista' jghaddi ghall-partijiet l-ohra ta' l-ezami u ghalhekk ma kienx persuna idoneja ghall-hatra ta' surgent.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal fil-Korp tal-Pulizija fl-14 ta' Settembru 1985 u dan fil-grad ta' kuntistabbli. Bejn 1993 - 1994 kien stazzjonat il-habs civili ta' Kordin. Applika ghal Surgent u baghtu ghalih id-depot tal-Furjana sabiex jaghmel interview. L-intrview kien sar mill-Assistent Kummissarju ta' dak inhar JC Gauci, kien hemm it-tabib tal-Korp Saliba, kien hemm ukoll rapprezentant tal-Education department u certu sinjorina Sciberras u ukoll l-ispettur Ronald Kelly.

Semma li fl-interview gie mistoqsi kemm kien ilu fil-Korp tal-Pulizija fejn wiegeb id-data ta' meta dahal, u s-Sur Gauci kien irrimarka "mela allura fi zmien is-Sur Pullicino". It-tabib li kien prezenti ma kien staqsieh xejn. Meta ra l-file tieghu r-rapprezentant tal-Education kien qallu li kien jidher li ghandu grad ta' edukazzjoni tajjeb u sodisfacenti. L-Ispettur Kelly kien qallu li min ikun stazzjonat il-habs ma jkunx qed jaghmel xoghol propju ta' pulizija. Is-sinjorina Sciberras kienet staqsitu jekk isib bniedem b'overdose x'kien jaghmel, hu qalilha li jekk il-persuna tkun ghadha hajja jsejjah ambulanza sabiex jiehduh l-isptar u jippreserva l-provi esistenti u jekk ikun mejjet jistennna t-tabib u l-esperti u jinfurmaw lill-Ispettur. Wara xi ftit taz-zmien kien hareg ir-rizultat tal-interview u sar jaf li wehel izda marki ma kienx ikun hemm.

Sostna li minhabba fir-rimarka li dahal fil-Korp taht zmien il-Kummissarju Pullicino kien intefa' dawl ikrah fuqu.

L-Ex Assistent Kummissarju Joseph Gauci xehed li kien in charge mill-Administration meta kien Assistent Kummissarju. Mir-ricerka li ghamel jidher li kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' surgent f'Novembru ta' l-1994. Fil-bord kien Chairman u kien hemm ukoll Joe Ebejer li dak iz-zmien kien Principal Officer fil-Ministeru, it-Tabib Frans Saliba li dak iz-zmien kien it-tabib tal-pulizija kien hemm ukoll Ms Audrey Sciberras. Kien hemm ukoll fil-bord l-Ispettur Sharon Zammit Tanti. Pero' jidher li hija ma haditx parti fl-interview sakemm kienet nominata fuq il-bord. Kien hemm ukoll l-Ispettur Kelly bhala segretarju tal-bord. Kien hemm mitt applikant. Xehed: "Mistoqsi kienx immarkat li s-Sur Camilleri jekk huwa kienx dahal fiz-zmien Pullicino jiena nghid li le. Jiena nghid li domanda bhal din ma saritx zgur…"

"Mistoqsi ghall-edukazzjoni ghaliex r-rikorrent kien nghata 10 marki minn 15 biss meta huwa kien qed isegwi kors l-Universita' dwar il-kriminologija jiena nghid li jiena dwar dan il-kors ma naf xejn u apparti minn hekk ma nafx x'kienu r-rekwiziti biex kien qed isegwi dan il-kors. Mistoqsi jiena bhala Assistent Kummissarju kontx nkun naf li John Mary Camilleri kien qed jaghmel kors fl-Universita jiena nghid li le mhux necessarjament. Nghid li suppost ikun jaf il-personnel section bil-fatt li r-rikorrent kien qed isegwi kors l-Universita, izda ahna meta ghamilna l-interview ma konniex konxji minn dak il-fatt…Mistoqsi dwar il-kwalitajiet personali kif r-rikorrent kien inghata 10 marki biss minn 35 marka, jiena nghid li ntuzaw l-istess kriterji bhal l-ohrajn, esperjenza ta' xoghol ecc. Nghid li l-kwalitajiet personali ta' l-applikant johorgu waqt l-interview, jigifieri waqt id-domanda u risposta, waqt l-interview.

Is-Supt Kelly rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija esebixxa dokument li juri l-puntegg ta' marki li kienu gabu fosthom r-rikorrent. Din qedgha a fol 32 tal-process.

Ikkonferma bil-gurament ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija. Zied "Nghid li fin-1994 kien sar ezami ghall-rank ta' surgent, mir-rank ta' kuntistabbli. Nghid li r-rikorrent John Mary Camilleri, kien wiehed mill-applikanti…Nghid li jien kont segretarju tal-bord u ghalhekk jiena ma kontx naghmel l-ebda mistoqsijiet. Kont inzomm record ta' kollox izda ma kienx xogholi naghmel id-domandi… Dawn kienu il-hames kriterji li inghataw marki ghalihom l-applikanti…Nghid li ghall-kriterju tal-edukazzjoni il-marki inghataw skond ic-certifikati li kellu l-applikant… Rigward il-kriterju tal-esperjenza tax-xoghol, nghid li l-membri tal-bord kellhom quddiemhom il-file fejn jindika l-applikant l-istorja tieghu mal-korp tal-pulizija, u l-postings diversi tieghu, u kemm ilu bhala snin mal-korp tal-pulizija, u jekk ikun il-kaz jista' jkun hemm imnizzel ukoll, xi esperjenza li jkun ghadda minna l-applikant waqt ix-xoghol tieghu, fil-korp tal-pulizija. Nghid li kull individwu mal-pulizija ghandu defaulters sheet li hija r-record tieghu rigward il-kondotta li jkun hemm imnizzel jekk ikun hemm fir-rigward tieghu, xi proceduri ta' dixxiplina li jkunu ttiehdu kontrih. Nghid li fir-rigward tal-kwalitajiet personali fir-rigward ta' dan il-kriterju kien hemm il-membri tal-bord, u dawn taw l-assessment taghhom skond l-assessement personali taghhom…Jista' jaghti l-kaz ukoll li l-applikant innifsu jipprezenta xi dokumenti… Mistoqsi jekk jien jirrizultalix b'xi mod b'xi dokument li fil-fatt dak iz-zmien ir-

rikorrent kien qed isegwi kors l-universita', nghid li jien ma niftakarx dwar dan."

Dr Frans Saliba xehed li hu kien fil-bord fl-1994 izda dan l-interview ma kienx ghall-hatra ta' surgent izda sabiex ikun hemm short listing ta' dawk li applikaw biex jattendu xi kors li kien qed jigi propost dak iz-zmien. Mistoqsi dwar kors li kien qed jaghmel ir-rikorrent l-Universita' li kien dwar il-kriminologija, semma li dan jitqies above average fil-grad ta' pulizija. Dwar il-fatt li John Mary Camilleri nghata 10 marki minn 15 ghall-edukazzjoni qal li din mhijiex marka personali tieghu imma hija marka kollettiva, u l-istess ghall-kwalitajiet personali.

Audrey Sciberras membru ta' l-interviewing bord ta' l-1994 semmiet li l-aktar domandi li staqsiet kienu relatati ma' kwalitajiet personali. Fuq kwalitajiet personali taw il-marki peress li kellhom il-kondotta u r-records kollha ta' l-applikanti.

**KONKLUZZJONIJIET:**

It-Tribunal irid jibda biex jezamina l-allokazzjoni tal-marki moghtija fl-interview. Bhal kif dejjem qal li fejn tidhol allokazzjoni ta' marki suggettiva qatt ma jaqbel li din ikollha percentagg qawwi. Sfortunatament dan hu kaz minnhom fejn esperjenza ta' xoghol giet moghtija 25% u kwalitajiet personali 35% specjalment meta c-Chairman tal-Bord semma "Mistoqsi dwar il-kwalitajiet personali kif r-rikorrent kien inghata 10 marki biss minn 35 marka, jiena nghid li ntuzaw l-istess kriterji bhal l-ohrajn, esperjenza ta' xoghol ecc. Nghid li l-kwalitajiet personali ta' l-

applikant johorgu waqt l-interview, jigifieri waqt id-domanda u risposta, waqt l-interview.” Dan ifisser li dak li hu imsemmi bhala esperjenza hu kkunsidrat darbtejn. Ukoll l-interview qieghed jigi moghti mportanza enormi u aspetti oggettivi qedghin jigu mhollija barra.

Meta wiehed ihares specifikament lejn il-marki tal-individwu hawn johrog car li hemm xi haga li ma tinkwadrax u infatti Joe Gauci spjega bhala “Nghid li suppost ikun jaf il-personnel section bil-fatt li r-rikorrent kien qed isegwi kors l-Universita, izda ahna meta ghamilna l-interview ma konniex konxji minn dak il-fatt…” Aspett iehor stramb hu li meta wiehed ihares lejn il-kolonna esperjenza tax-xoghol ir-rikorrent inghata 12 meta l-average mark kienet 13.63%. Fuq kwalitajiet personali r-rikorrent gab 10 meta l-average kien 18.89% u infatti l-minimum marka allokata kienet propju 10. 10 inghatat lil 3 ohra barra mir-rikorrent u cioe’ lil Cauchi li gab total ta’ 39, ghal Edukazzjoni gab 5 u li f’sick leave gab 2 biss. 10 inghata ukoll lil Marlon Debattista li total ukoll gab 47 u 10 ghal Edukazzjoni u 7 f’esperjenza ta’ xoghol. 10 iehor inghata lil Joseph Cilia li total gab 46 li ghall-Edukazzjoni kellu 8.

Meta wiehed ihares lejn dawn l-aspetti kollha zgur li ghall-anqas ir-rikorrent kien haqqu tlitt marki ohra li kienu jwassluh ghal 50% u jsib li saret ingustizzja mieghu meta ma inghatax din il-marka. Jista’ jkun li ghal xi raguni bi svista saret din l-ingustizzja minhabba l-bicca li l-Bord ma kienx jaf li r-rikorrent qieghed jaghmel il-kors.

Hemm problema li inkwetat lit-Tribunal u cioe' li dan kien l-ewwel parti ta' l-ezami, u ghalhekk ir-rikorrent setgha ma ghaddiex mit-tieni parti. Izda t-Tribunal ihoss li qatt ma ghandu wiehed ibaghti frott ta' ingustizzja li saret mieghu. It-Tribunal bil-fors jkollu jerga jirrakkomanda li f'ezaijiet – interviews – l-kriterji kemm jista' jkun ghandhom jaghtu piz lill-elementi oggettivi.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Surgent b'effett mill-istess data li fiha saru l-ohrajn li attendew l-istess interview u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.